# PROTOKOLL

## dwar il-kondizzjonijiet u l-arranġamenti għall-ammissjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija fl-Unjoni Ewropea

IL-PARTIJIET KONTRAENTI GĦOLJA,

WARA LI KKUNSIDRAW li r-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija jsiru membri ta' l-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Jannar 2007;

WARA LI KKUNSIDRAW li l-Artikolu I-58 tat-Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa jipprovdi li l-kondizzjonijiet u l-arranġamenti għall-ammissjoni għandhom ikunu s-suġġett ta' ftehim bejn l-Istati Membri u l-Istat kandidat;

FTIEHMU DWAR id-disposizzjonijiet li ġejjin, li għandhom ikunu annessi mat-Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika:

L-EWWEL PARTI

## PRINĊIPJI

*Artikolu 1*

1. Għall-finijiet ta' dan il-Protokoll:

— l-espressjoni "Kostituzzjoni" tfisser it-Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa;

— l-espressjoni "Trattat tal-KEEA" tfisser it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika, kif supplementat jew emendat bi trattati jew atti oħra li daħlu fis-seħħ qabel l-adeżjoni;

— l-espressjoni "Stati Membri attwali" tfisser ir-Renju tal-Belġju, ir-Repubblika Ċeka, ir-Renju tad-Danimarka, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika Ellenika, ir-Renju ta' Spanja, ir-Repubblika Franċiża, l-Irlanda, ir-Repubblika Taljana, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, il-Gran Dukat tal-Lussemburgu, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Renju ta' l-Olanda, ir-Repubblika ta' l-Awstrija, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika Portugiża, ir-Repubblika tas-Slovenja, ir-Repubblika Slovakka, ir-Repubblika tal-Finlandja, ir-Renju ta' l-Isvezja u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq;

— l-espressjoni "l-Istati Membri ġodda" tfisser ir-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija;

— l-espressjoni "l-istituzzjonijiet" tfisser l-istituzzjonijiet stabbiliti bil-Kostituzzjoni.

2. Ir-riferimenti f'dan il-Protokoll għall-Kostituzzjoni u għall-Unjoni għandhom, fejn ikun il-każ, jitqiesu bħala riferimenti, rispettivament, għat-Trattat tal-KEEA u għall-Komunità stabbilita bit-Trattat tal-KEEA.

*Artikolu 2*

Mid-data ta' l-adeżjoni, id-disposizzjonjiet tal-Kostituzzjoni, tat-Trattat tal-KEEA u ta' l-atti adottati mill-istituzzjonijiet qabel l-adeżjoni għandhom jorbtu lill-Bulgarija u r-Rumanija u għandhom japplikaw f'dawk l-Istati taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-Kostituzzjoni, fit-Trattat tal-KEEA u f'dan il-Protokoll.

*Artikolu 3*

1. Il-Bulgarija u r-Rumanija jaderixxu għad-deċiżjonijiet u l-ftehim adottati mir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet ta' l-Istati Membri mlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill.

2. Il-Bulgarija u r-Rumanija qegħdin fl-istess sitwazzjoni bħall-Istati Membri attwali fir-rigward ta' dikjarazzjonijiet jew riżoluzzjonijiet tal-Kunsill Ewropew jew il-Kunsill, jew ta' posizzjonijiet oħra meħuda minnhom, u fir-rigward ta' dawk li jikkonċernaw lill-Unjoni adottati bil-ftehim komuni ta' l-Istati Membri; huma għaldaqstant sejrin josservaw il-prinċipji u l-linji gwida li joħorġu minn dawk id-dikjarazzjonijiet, riżoluzzjonijiet jew posizzjonijiet oħra u sejrin jieħdu dawk il-miżuri li jistgħu jkunu meħtieġa sabiex jiżguraw l-implimentazzjoni tagħhom.

3. Il-Bulgarija u r-Rumanija jaderixxu għall-konvenzjonijiet u l-protokolli elenkati fl-Anness I. Dawk il-konvenzjonijiet u l-protokolli għandhom jidħlu fis-seħħ fir-rigward tal-Bulgarija u r-Rumanija fid-data determinata mill-Kunsill fid-deċiżjonijiet imsemmija fil-paragrafu 4.

4. Il-Kunsill, waqt li jaġixxi b' mod unanimu fuq rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni u wara li jkun ikkonsulta mal-Parlament Ewropew, għandu jadotta deċiżjonijiet Ewropej li jagħmlu l-aġġustamenti kollha meħtieġa minħabba l-adeżjoni għall-konvenzjonijiet u l-protokolli msemmija fil-paragrafu 3 u jippubblika t-test adattat fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

5. Il-Bulgarija u r-Rumanija jintrabtu fir-rigward tal-konvenzjonijiet u l-protokolli msemmija fil-paragrafu 3 li jintroduċu arranġamenti amministrattivi u arranġamenti oħra, bħal dawk adottati sad-data ta' l-adeżjoni mill-Istati Membri attwali jew mill-Kunsill, u li jiffaċilitaw koperazzjoni prattika bejn l-istituzzjonijiet u l-organizzazzjonijiet ta' l-Istati Membri.

6. Il-Kunsill, waqt li jaġixxi b'mod unanimu fuq proposta mill-Kummissjoni, jista' jadotta deċiżjonijiet Ewropej li jissupplimentaw l-Anness I b'dawk il-konvenzjonijiet, ftehim u protokolli ffirmati qabel id-data ta' l-adeżjoni.

7. L-istrumenti partikolari msemmija f'dan l-Artikolu jinkludu dawk imsemmija fl-Artikolu IV-438 tal-Kostituzzjoni.

*Artikolu 4*

1. Id-disposizzjonijiet ta' l-*acquis* ta' Schengen, imsemmija fil-Protokoll Nru 17 tal-Kostituzzjoni dwar l-*acquis* ta' Schengen integrat fil-qafas ta' l-Unjoni Ewropea, u l-atti li jibnu fuqu jew li huma b'xi mod ieħor relatati miegħu, elenkati fl-Anness II, kif ukoll kull att ieħor bħal dan adottat qabel id-data ta' l-adeżjoni, għandhom jorbtu lill-Bulgarija u r-Rumanija u jkunu applikabbli fihom mid-data ta' l-adeżjoni.

2. Dawk id-disposizzjonjiet ta' l-*acquis* ta' Schengen kif integrat fil-qafas ta' l-Unjoni Ewropea u l-atti li jibnu fuqu jew li huma b'xi mod ieħor relatati miegħu mhux imsemmija fil-paragrafu 1, filwaqt li jorbtu lill-Bulgarija u r-Rumanija mid-data ta' l-adeżjoni, għandhom japplikaw biss f'kull wieħed minn dawk l-Istati skond deċiżjoni Ewropea tal-Kunsill għal dan il-għan wara verifika konformi mal-proċeduri applikabbli ta' valutazzjoni ta' Schengen li l-kondizzjonijiet meħtieġa għall-applikazzjoni tal-partijiet kollha ta' l-*acquis* konċernat ikunu ġew sodisfatti f'dak l-Istat.

Il-Kunsill għandu jieħu d-deċiżjoni tiegħu, wara li jikkonsulta mal-Parlament Ewropew, waqt li jaġixxi bl-unanimità tal-membri tiegħu li jirrappreżentaw il-Gvernijiet ta' l-Istati Membri li fir-rigward tagħhom id-disposizzjonijiet imsemmija f'dan il-paragrafu jkunu diġà ddaħħlu fis-seħħ u tar-rappreżentant tal-Gvern ta' l-Istat Membru li fir-rigward tiegħu dawk id-disposizzjonijiet jkunu jridu jiddaħħlu fis-seħħ. Il-membri tal-Kunsill li jirrappreżentaw il-Gvernijiet ta' l-Irlanda u tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq għandhom jieħdu sehem f'tali deċiżjoni safejn din tirrigwarda d-disposizzjonijiet ta' l-*acquis* ta' Schengen u l-atti li jibnu fuqu jew li huma b'xi mod ieħor relatati miegħu, li fihom jipparteċipaw dawn l-Istati Membri.

*Artikolu 5*

Il-Bulgarija u r-Rumanija għandhom jipparteċipaw fl-Unjoni Ekonomika u Monetarja mid-data ta' l-adeżjoni bħala Stati Membri b'deroga fis-sens ta' l-Artikolu III-197 tal-Kostituzzjoni.

*Artikolu 6*

1. Il-ftehim jew konvenzjonijiet konklużi jew applikati b'mod provviżorju mill-Unjoni ma' Stat terz wieħed jew aktar, ma' organizzazzjoni internazzjonali jew ma' ċittadin ta' Stat terz, għandhom, taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-Kostituzzjoni u f'dan il-Protokoll, jorbtu lill-Bulgarija u r-Rumanija.

2. Il-Bulgarija u r-Rumanija jimpenjaw ruħhom li jaderixxu, taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan il-Protokoll, għall-ftehim jew konvenzjonijiet konklużi jew iffirmati mill-Unjoni u l-Istati Membri attwali, b'mod konġunt.

L-adeżjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija mal-ftehim jew mal-konvenzjonijiet konklużi jew iffirmati mill-Unjoni u l-Istati Membri attwali b'mod konġunt ma' organizzazzjonijiet internazzjonali jew pajjiżi terzi partikolari għandha tiġi miftiehma bil-konklużjoni ta' protokoll għal tali ftehim jew konvenzjonijiet bejn il-Kunsill, li jaġixxi b'mod unanimu f'isem l-Istati Membri, u l-organizzazzjoni internazzjonali jew pajjiż jew pajjiżi terzi konċernati. Il-Kummissjoni għandha tinnegozja dawn il-protokolli f'isem l-Istati Membri abbażi ta' Direttivi dwar in-negozjati approvati mill-Kunsill, li jaġixxi b'mod unanimu, u b'konsultazzjoni ma' kumitat magħmul mir-rappreżentanti ta' l-Istati Membri. Hija għandha tippreżenta abbozz tal-protokolli għal konklużjoni lill-Kunsill.

Din il-proċedura hija mingħajr preġudizzju għall-eżerċizzju tal-kompetenzi ta' l-Unjoni nnifisha u ma taffettwax l-allokazzjoni tas-setgħat bejn l-Unjoni u l-Istati Membri fir-rigward tal-konklużjoni ta' tali ftehim fil-ġejjieni jew ta' kwalunkwe emenda oħra li mhijiex relatata ma' l-adeżjoni.

3. Hekk kif jaderixxu għall-ftehim u l-konvenzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 2 il-Bulgarija u r-Rumanija għandhom jiksbu l-istess drittijiet u obbligi taħt dawk il-ftehim u konvenzjonijiet bħall-Istati Membri attwali.

4. Mid-data ta' l-adeżjoni, u sakemm jidħlu fis-seħħ il-protokolli meħtieġa msemmija fil-paragrafu 2, il-Bulgarija u r-Rumanija għandhom japplikaw id-disposizzjonijiet tal-ftehim

jew konvenzjonijiet konklużi b'mod konġunt mill-Unjoni u l-Istati Membri attwali qabel l-adeżjoni, bl-eċċezzjoni tal-ftehim dwar il-moviment liberu tal-persuni konklużż ma' l-Isvizzera. Dan l-obbligu japplika wkoll għal dawk il-ftehim jew konvenzjonijiet li l-Unjoni u l-Istati Membri attwali qablu li japplikaw b'mod provviżorju.

Sakemm jidħlu fis-seħħ il-protokolli msemmija fil-paragrafu 2, l-Unjoni u l-Istati Membri, waqt li jaġixxu b'mod konġunt kif ikun opportun fil-qafas tal-kompetenzi rispettivi tagħhom, għandhom jieħdu kwalunkwe miżura adatta.

5. Il-Bulgarija u r-Rumanija jaderixxu għall-Ftehim ta' Shubija bejn il-membri tal-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra ([1]), iffirmat f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000.

6. Il-Bulgarija u r-Rumanija jimpenjaw ruħhom li jaderixxu, taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan il-Protokoll, għall-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ([2]), skond l-Artikolu 128 ta' dak il-Ftehim.

7. Mid-data ta' l-adeżjoni, il-Bulgarija u r-Rumanija għandhom japplikaw il-ftehim u l-arranġamenti bilaterali dwar it-tessili konklużi mill-Unjoni ma' pajjiżi terzi.

Ir-restrizzjonijiet kwantitattivi applikati mill-Unjoni fuq l-importazzjonijiet ta' prodotti tat-tessuti u ta' lbies għandhom jiġu aġġustati sabiex jittieħed kont ta' l-adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija ma' l-Unjoni. Għal dak il-għan, l-Unjoni tista' tinnegozja emendi għall-ftehim bilaterali u l-arranġamenti msemmija hawn fuq mal-pajjiżi terzi konċernati qabel id-data ta' l-adeżjoni.

Jekk l-emendi għall-ftehim u l-arranġamenti bilaterali dwar it-tessili ma jkunux daħlu fis-seħħ sad-data ta' l-adeżjoni, l-Unjoni għandha tagħmel l-aġġustamenti meħtieġa għar-regoli tagħha dwar l-importazzjoni ta' prodotti tat-tessuti u ta' lbies minn pajjiżi terzi sabiex jittieħed kont ta' l-adeżjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija.

8. Ir-restrizzjonijiet kwantitattivi applikati mill-Unjoni fuq l-importazzjoni ta' azzar u ta' prodotti ta' l-azzar għandhom jiġu aġġustati abbażi ta' l-importazzjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija matul is-snin reċenti ta' prodotti ta' l-azzar li joriġinaw mill-pajjiżi forniturі konċernati.

Għal dak il-għan, l-emendi meħtieġa għall-ftehim u l-arranġamenti bilaterali dwar l-azzar konklużi mill-Komunità ma' pajjiżi terzi għandhom jiġu nnegozjati qabel id-data ta' l-adeżjoni.

Jekk l-emendi għall-ftehim u l-arranġamenti bilaterali ma jkunux daħlu fis-seħħ sad-data ta' l-adeżjoni, għandhom japplikaw id-disposizzjonijiet ta' l-ewwel subparagrafu.

9. Ftehim dwar is-sajd konklużi qabel l-adeżjoni mill-Bulgarija u r-Rumanija ma' pajjiżi terzi għandhom jiġu amministrati mill-Unjoni.

Id-drittijiet u l-obbligi li jirriżultaw għall-Bulgarija u r-Rumanija minn dawk il-ftehim ma għandhomx ikunu milquta matul il-perjodu li fih id-disposizzjonijiet ta ' dawk il-ftehim jinżammu provviżorjament fis-seħħ.

Kemm jista' jkun malajr, u fi kwalunkwe każ qabel l-iskadenza tal-ftehim imsemmija fl-ewwel subparagrafu, għandhom jiġu adottati f'kull każ deċiżjonijiet adatti għall-kontinwazzjoni ta' l-attivitajiet ta' sajd li jirriżultaw minn dawk il-ftehim mill-Kunsill fuq proposta mill-Kummissjoni, inkluża l-possibbiltà li ċerti ftehim jiġu estiżi għal perijodi ta' mhux aktar minn sena.

10. B'effett mid-data ta' l-adeżjoni, il-Bulgarija u r-Rumanija għandhom jirtiraw minn kull ftehim ta' kummerċ ħieles ma' pajjiżi terzi, inkluż il-Ftehim dwar il-Kummerċ Ħieles ta' l-Ewropa Ċentrali.

Safejn ftehim bejn il-Bulgarija, ir-Rumanija jew dawk iż-żewġ Stati minn naħa waħda, u pajjiż terz wieħed jew iktar minn-naħa l-oħra, m' humiex kompatibbli ma' l-obbligi li joriġinaw minn dan il-Protokoll, il-Bulgarija u r-Rumanija għandhom jieħdu l-passi kollha xierqa sabiex jeliminaw l-inkompatibbiltajiet stabbiliti. Jekk il-Bulgarija jew ir-Rumanija tiltaqa' ma' diffikultajiet fl-aġġustament ta' ftehim konklużż ma' pajjiż terz wieħed jew aktar qabel l-adeżjoni, hija għandha, skond it-termini tal-ftehim, tirtira minn dak il-ftehim.

11. Il-Bulgarija u r-Rumanija jaderixxu skond il-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan il-Protokoll għall-ftehim interni konklużi mill-Istati Membri attwali għall-fini ta' l-implimentazzjoni tal-ftehim jew il-konvenzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 2, 5 u 6.

12. Il-Bulgarija u r-Rumanija għandhom jieħdu miżuri xierqa, fejn meħtieġ, sabiex jaġġustaw il-posizzjoni tagħhom fir-rigward ta' organizzazzjonjiet internazzjonali, u ta' dawk il-ftehim internazzjonali li l-Unjoni jew Stati Membri oħra huma wkoll partijiet fihom, għad-drittijiet u l-obbligi li joriġinaw mill-adeżjoni tagħhom ma' l-Unjoni.

B'mod partikolari fid-data ta' l-adeżjoni jew malajr kemm jista' jkun wara huma għandhom jirtiraw minn dawk l-organizzazzjonijiet u ftehim internazzjonali dwar is-sajd li tagħhom l-Unjoni wkoll hija parti, sakemm is-shubija tagħhom ma tirrigwardax kwistjonijiet li mhumiex relatati mas-sajd.

13. Fejn dan l-Artikolu jirreferi għal konvenzjonijiet u ftehim konklużi jew iffirmati mill-Unjoni, dawn jinkludu dawk imsemmija fl-Artikolu IV-438 tal-Kostituzzjoni.

([1]) ĠU L 317, 15.12.2000, p. 3.

([2]) ĠU L 1, 3.1.1994, p. 3.

*Artikolu 7*

Liġi Ewropea tal-Kunsill tista' tħassar id-disposizzjonijiet transitorji stabbiliti f'dan il-Protokoll, meta dawn ma jkunux applikabbli aktar. Il-Kunsill għandu jaġixxi b'mod unanimu wara li jikkonsulta mal-Parlament Ewropew.

*Artikolu 8*

1. L-Atti adottati mill-istituzzjonijiet li għalihom jirrelataw id-disposizzjonijiet transitorji stabbiliti f'dan il-Protokoll għandhom iżommu l-istatus tagħhom fil-liġi; b'mod partikolari, il-proċeduri sabiex jiġu emendati dawk l-atti għandhom jibqgħu japplikaw.

2. Id-disposizzjonijiet ta' dan il-Protokoll li għandhom l-għan jew l-effett li jħassru jew li jemendaw atti adottati mill-istituzzjonijiet, mhux bħala miżuri transitorji, għandhom ikollhom l-istess status fil-liġi bħad-disposizzjonijiet li huma jħassru jew jemendaw u għandhom ikunu soġġetti għall-istess regoli bħal dawk id-disposizzjonijiet.

*Artikolu 9*

L-applikazzjoni tal-Kostituzzjoni u l-atti adottati mill-istituzzjonijiet għandha, bħala miżura transitorja, tkun soġġetta għad-derogi previsti f'dan il-Protokoll.

IT-TIENI PARTI

## AĠĠUSTAMENTI LILL-KOSTITUZZJONI

TITOLU I

## DISPOSIZZJONIJIET ISTITUZZJONALI

*Artikolu 10*

1. L-Artikolu 9, l-ewwel paragrafu, tal-Protokoll Nru 3 dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea, anness mal-Kostituzzjoni u mat-Trattat tal-KEEA, għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

"Meta, kull tliet snin, ikun hemm sostituzzjoni parzjali ta' l-Imħallfin, għandhom jiġu sostitwiti erbatax u tlettax-il-Imħallef alternattivament.".

2. L-Artikolu 48 tal-Protokoll Nru 3 dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea, anness mal-Kostituzzjoni u mat-Trattat tal-KEEA, għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

*"Artikolu 48*

Il-Qorti Ġenerali għandha tikkonsisti minn sebgħa u għoxrin Imħallef.".

*Artikolu 11*

Il-Protokoll Nru 5 dwar l-Istatut tal-Bank Ewropew ta' l-Investiment, anness mal-Kostituzzjoni, b'dan jiġi emendat kif ġej:

1. Fl-Artikolu 4(1), l-ewwel subparagrafu:

(a) is-sentenza introduttiva għandha tiġi mibdula b'dan li ġej:

"1. Il-kapital tal-Bank għandu jkun 164 795 737 000 euro, sottoskritt mill-Istati Membri kif ġej (*):

(*) Il-figuri kwotati għall-Bulgarija u r-Rumanija huma indikattivi u bbażati fuq id-*data* ta' l-2003 pubblikata mill-Eurostat.";

(b) dan li ġej għandu jiġi inserit bejn l-entrati għall-Irlanda u s-Slovakkja:

"Rumanija 846 000 000"; u

(ċ) dan li ġej għandu jiġi inserit bejn l-entrati għas-Slovenja u l-Litwanja:

"Bulgarija 296 000 000".

2. Fl-Artikolu 9(2), l-ewwel, it-tieni u t-tielet paragrafi għandhom jiġu mibdula b'dan li ġej:

"2. Il-Bord tad-Diretturi għandu jikkonsisti minn tmienja u għoxrin direttur u tmintax-il direttur alternat.

Id-Diretturi għandhom jiġu maħtura mill-Bord tal-Gvernaturi għal ħames snin, b'kull Stat Membru jinnomina wieħed. Wieħed għandu wkoll jiġi nominat mill-Kummissjoni.

Id-diretturi alternati għandhom jiġu maħtura mill-Bord tal-Gvernaturi għal ħames snin kif jidher hawn taħt:

— żewġ diretturi alternati nominati mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja,

— żewġ diretturi alternati nominati mir-Repubblika Franċiza,

— żewġ diretturi alternati nominati mir-Repubblika Taljana,

— żewġ diretturi alternati nominati mir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq,

— direttur alternat nominat bi qbil komuni bejn ir-Renju ta' Spanja u r-Repubblika Portugiża,

— direttur alternat nominat bi qbil komuni bejn ir-Renju tal-Belġju, il-Gran Dukat tal-Lussemburgu u r-Renju ta' l-Olanda,

— żewġ diretturi alternati nominati bi qbil komuni bejn ir-Renju tad-Danimarka, ir-Repubblika Ellenika, l-Irlanda u r-Rumanija,

— żewġ diretturi alternati nominati bi qbil komuni bejn ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Awstrija, ir-Repubblika tal-Finlandja u r-Renju ta' l-Isvezja,

— tliet diretturi alternati nominati bi qbil komuni bejn ir-Repubblika tal-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakka,

— direttur alternat nominat mill-Kummissjoni.".

*Artikolu 12*

L-Artikolu 134(2), l-ewwel subparagrafu, tat-Trattat tal-KEEA dwar il-komposizzjoni tal-Kumitat Xjentifiku u Tekniku għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

"2. Il-Kumitat għandu jikkonsisti minn wieħed u erbgħin membru, maħtura mill-Kunsill wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni."

TITOLU II

**AĠĠUSTAMENTI OHRA**

*Artikolu 13*

L-aħħar sentenza ta' l-Artikolu III-157(1) tal-Kostituzzjoni għandha tiġi mibdula b'dan li ġej:

"Rigward ir-restrizzjonijiet eżistenti skond il-liġi nazzjonali fil-Bulgarija, fl-Estonja u fl-Ungerija, id-data in kwistjoni għandha tkun il-31 ta' Diċembru 1999."

*Artikolu 14*

L-Artikolu IV-440(1) tal-Kostituzzjoni għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

"1. Dan it-Trattat għandu japplika għar-Renju tal-Belġju, għar-Repubblika tal-Bulgarija, għar-Repubblika Ċeka, għar-Renju tad-Danimarka, għar-Repubblika Federali tal-Ġermanja, għar-Repubblika ta' l-Estonja, għar-Repubblika Ellenika, għar-Renju ta' Spanja, għar-Repubblika Franċiża, għall-Irlanda, għar-Repubblika Taljana, għar-Repubblika ta' Ċipru,

għar-Repubblika tal-Latvja, għar-Repubblika tal-Litwanja, għall-Gran Dukat tal-Lussemburgu, għar-Repubblika ta' l-Ungerija, għar-Repubblika ta' Malta, għar-Renju ta' l-Olanda, għar-Repubblika ta' l-Awstrija, għar-Repubblika tal-Polonja, għar-Repubblika Portugiża, għar-Rumanija, għar-Repubblika tas-Slovenja, għar-Repubblika Slovakka, għar-Repubblika tal-Finlandja, għar-Renju ta' l-Isvezja u għar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq.".

*Artikolu 15*

1. Is-subparagrafu li ġej għandu jiġi miżjud ma' l-Artikolu IV-448(1) tal-Kostituzzjoni:

"Konformement mat-Trattat ta' Adeżjoni, il-verżjoni Bulgara u Rumena ta' dan it-Trattat għandhom ukoll ikunu awtentiċi.".

2. It-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 225 tat-Trattat tal-KEEA għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

"Il-verżjonijiet bil-Bulgaru, biċ-Ċek, bid-Daniż, bl-Ingliż, bl-Estonjan, bil-Finlandiż, bil-Grieg, bl-Ungeriż, bl-Irlandiż, bil-Latvjan, bil-Litwan, bil-Malti, bil-Pollakk, bil-Portugiż, bir-Rumen, bis-Slovakk, bis-Sloven, bl-Ispanjol u bl-Isvediż ta' dan it-Trattat għandhom ukoll ikunu awtentiċi.".

IT-TIELET PARTI

## DISPOSIZZJONIJIET PERMANENTI

TITOLU I

### ADATTAMENTI LIL ATTI ADOTTATI MILL-ISTITUZZJONIJIET

*Artikolu 16*

L-atti elenkati fl-Anness III ma' dan il-Protokoll għandhom jiġu adattati kif speċifikat f'dak l-Anness.

*Artikolu 17*

L-adattamenti lill-atti elenkati fl-Anness IV ma' dan il-Protokoll li saru meħtieġa minħabba l-adeżjoni għandhom jiġu mfassla konformement mal-linji gwida stabbiliti f'dak l-Anness.

TITOLU II

### DISPOSIZZJONIJIET OĦRA

*Artikolu 18*

Il-miżuri elenkati fl-Anness V ma' dan il-Protokoll għandhom jiġu applikati skond il-kondizzjonijiet stabbiliti f'dak l-Anness.

*Artikolu 19*

Liġi Ewropea tal-Kunsill tista' tagħmel l-adattamenti għad-disposizzjonijiet ta' dan il-Protokoll relatati mal-politika agrikola komuni li jistgħu jkunu meħtieġa bħala riżultat ta' xi modifika tal-liġi ta' l-Unjoni. Il-Kunsill jaġixxi unanimament wara li jikkonsulta mal-Parlament Ewropew.

IR-RABA' PARTI

## DISPOSIZZJONIJIET TEMPORANJI

TITOLU I

## MIŻURI TRANSITORJI

*Artikolu 20*

Il-miżuri elenkati fl-Annessi VI u VII ma' dan il-Protokoll għandhom japplikaw fir-rigward tal-Bulgarija u r-Rumanija taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti f'dawk l-Annessi.

TITOLU II

## DISPOSIZZJONIJIET ISTITUZZJONALI

*Artikolu 21*

1. Fl-Artikolu 1(2) tal-Protokoll Nru. 34 dwar id-dispożizzjonijiet transitorji relattivi għall-istituzzjonijiet u l-korpi ta' l-Unjoni, anness mal-Kostituzzjoni u mat-Trattat tal-KEEA, għandu jiġi miżjud is-subparagrafu li ġej:

"B'deroga min-numru massimu ta' Membri tal-Parlament Ewropew iffissat fl-Artikolu I-20(2) tal-Kostituzzjoni, in-numru ta' Membri tal-Parlament Ewropew għandu jiġi miżjud sabiex jittieħed kont ta' l-adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija bin-numru li ġej ta' Membri minn dawk il-pajjiżi għall-perjodu li jkopri mid-data ta' l-adeżjoni sal-bidu tat-term ta' l-2009-2014 tal-Parlament Ewropew:

Bulgarija 18

Rumanija 35".

2. Qabel il-31 ta' Diċembru 2007, il-Bulgarija u r-Rumanija għandhom rispettivament jagħmlu elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew, b'vott dirett universali taċ-ċittadini tagħhom, għan-numru ta' Membri iffissat fil-paragrafu 1, skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Att dwar l-elezzjoni tal-Membri tal-Parlament Ewropew b'vott dirett universali ([1]).

3. B'deroga mill-Artikolu I-20(3) tal-Kostituzzjoni, jekk l-elezzjonijiet isiru wara d-data ta' l-adeżjoni, il-Membri tal-Parlament Ewropew li jirrappreżentaw liċ-ċittadini tal-Bulgarija u r-Rumanija għall-perjodu mid-data ta' l-adeżjoni sa kull waħda mill-elezzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 2, għandhom jiġu maħtura mill-Parlamenti ta' dawk l-Istati fihom infushom skond il-proċedura stabbilita minn kull wieħed minn dawk l-Istati.

*Artikolu 22*

1. Fl-Artikolu 2(2), it-tieni suparagrafu, tal-Protokoll Nru. 34 dwar id-dispożizzjonijiet transitorji relattivi għall-istituzzjonijiet u l-korpi ta' l-Unjoni, anness mal-Kostituzzjoni u mat-Trattat tal-KEEA, għandu jiġi inserit dan li ġej bejn l-entrati għall-Belġju u r-Repubblika Ċeka:

"Bulgarija 10"

u, bejn l-iskrizzjonijiet għall-Portugall u s-Slovenja:

"Rumanija 14".

2. L-Artikolu 2(2), it-tielet subparagrafu, tal-Protokoll Nru. 34 dwar id-dispożizzjonijiet transitorji relattivi għall-istituzzjonijiet u l-korpi ta' l-Unjoni, anness mal-Kostituzzjoni u mat-Trattat tal-KEEA, għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

"L-atti għandhom jiġu adottati jekk ikun hemm mill-inqas 255 vot favur li jirrappreżentaw maġġoranza tal-membri fejn, taħt il-Kostituzzjoni, għandhom jiġu adottati fuq proposta mill-Kummissjoni. F'każijiet oħra d-deċiżjonijiet għandhom jiġu adottati jekk hemm mill-inqas 255 vot favur li jirrappreżentaw mill-inqas żewġ

([1]) ĠU L 278, 8.10.1976, p. 5. Att kif emendat l-aħħar bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/772/KE, Euratom (ĠU L 283, 21.10.2002, p. 1).

terzi tal-membri.".

*Artikolu 23*

Fl-Artikolu 6 tal-Protokoll Nru 34 dwar id-disposizzjonijiet transitorji relattivi għall-istituzzjonijiet u l-korpi ta' l-Unjoni, anness mal-Kostituzzjoni u mat-Trattat tal-KEEA, dan li ġej għandu jiġi inserit bejn l-entrati għall-Belġju u għar-Repubblika Ċeka:

"Bulgarija 12"

u, bejn l-entrati għall-Portugall u għas-Slovenja:

"Rumanija 15".

*Artikolu 24*

Fl-Artikolu 7 tal-Protokoll Nru 34 dwar id-disposizzjonijiet transitorji relattivi għall-istituzzjonijiet u l-korpi ta' l-Unjoni, anness mal-Kostituzzjoni u mat-Trattat tal-KEEA, dan li ġej għandu jiġi inserit bejn l-entrati għall-Belġju u għar-Repubblika Ċeka:

"Bulgarija 12"

u, bejn l-entrati għall-Portugall u għas-Slovenja:

"Rumanija 15".

TITOLU III

**DISPOSIZZJONIJIET FINANZJARJI**

*Artikolu 25*

1. Mid-data ta' l-adeżjoni, il-Bulgarija u r-Rumanija għandhom iħallsu l-ammonti li ġejjin li jikkorrispondu għas-sehem tagħhom mill-kapital imħallas għall-kapital sottoskritt kif definit fl-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru. 5 dwar l-Istatut tal-Bank Ewropew ta' l-Investiment, anness mal-Kostituzzjoni [1]:

Bulgarija EUR 14 800 000

Rumanija EUR 42 300 000.

Dawn il-kontributi għandhom jiġu mħallsa fi tmien pagamenti ndaqs li għandhom isiru fil-31 ta' Mejju 2007, 31 ta' Mejju 2008, 31 ta' Mejju 2009, 30 ta' Novembru 2009, 31 ta' Mejju 2010, 30 ta' Novembru 2010, 31 ta' Mejju 2011 u 30 ta' Novembru 2011.

2. Il-Bulgarija u r-Rumanija għandhom jikkontribwixxu, fi tmien pagamenti ndaqs li għandhom isiru fid-dati msemmija fil-paragrafu 1, għar-riservi u l-provvisti ekwivalenti għal riservi, kif ukoll għall-ammont li għad irid jiġi approprjat għar-riservi u l-provvisti, li jinkludu l-bilanċ tal-kont tal-qligħ u t-telf, stabbilit fl-aħħar tax-xahar ta' qabel l-adeżjoni, kif imniżżel fil-*balance sheet* tal-Bank, f'ammonti li jikkorrispondu għall-perċentwali tar-riservi u l-provvisti li ġejjin [1]:

Bulgarija 0,181 %

Rumanija 0,517%.

3. Il-kapital u l-pagamenti previsti fil-paragrafi 1 u 2 għandhom jitħallsu mill-Bulgarija u r-Rumanija f'euro fi flus kontanti, salv għal xi deroga deċiża b'mod unanimu mill-Bord tal-Gvernaturi.

*Artikolu 26*

1. Il-Bulgarija u r-Rumanija għandhom iħallsu l-ammonti li ġejjin lill-Fond għar-Riċerka għall-Faħam u l-Azzar imsemmi fid-Deċiżjoni 2002/234/KEFA tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet ta' l-Istati Membri, li ltaqgħu fi ħdan il-Kunsill, tas-27 ta' Frar 2002 dwar il-konsegwenzi finanzjarji ta' l-iskadenza tat-Trattat KEFA u dwar il-Fond għar-Riċerka għall-Faħam u l-Azzar [2]:

*(EUR miljuni, prezzijiet attwali)*

Bulgarija 11,95

Rumanija 29,88.

2. Il-kontributi għall-Fond għar-Riċerka għall-Faħam u l-Azzar għandhom isiru f'erba' pagamenti li jibdew fl-2009 u jitħallsu kif ġej, f'kull każ fl-ewwel jum ta' xogħol ta' l-ewwel

[1] Il-figuri ċitati huma indikattivi u bbażati fuq id-*data* ta' l-2003 pubblikata mill-Eurostat.

[2] ĠU L 79, 22.3.2002, p. 42.

xahar ta' kull sena:

2009: 15 %

2010: 20 %

2011: 30 %

2012: 35 %.

*Artikolu 27*

1. L-offerti ta' l-appalt, il-kuntrattazzjoni ta' l-implimentazzjoni u l-ħlasijiet għall-assistenza, ta' qabel l-adeżjoni, mogħtija permezz tal-programm Phare ([1]), tal-programm Phare CBC ([2]) u għall-assistenza mogħtija permezz tal-Faċilità ta' Transizzjoni msemmija fl-Artikolu 31 għandhom ikunu amministrati minn aġenziji ta' implimentazzjoni fil-Bulgarija u fir-Rumanija mid-data ta' l-adeżjoni.

Il-kontroll *ex-ante* mill-Kummissjoni fuq il-ħruġ ta' offerti u l-għoti ta' kuntratti għandha tiġi rinunċjata permezz ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni għal dak il-għan, wara proċedura ta' akkreditazzjoni kondotta mill-Kummissjoni u stima pożittiva tas-Sistema ta' Implimentazzjoni Deċentralizzata Estiża (EDIS) skond il-kriterji u l-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Anness mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 1266/1999 dwar il-koordinazzjoni tal-għajnuna lill-pajjiżi applikanti fil-qafas ta' l-istrateġija ta' qabel l-adeżjoni u li jemenda r-Regolament (KEE) Nru. 3906/89 ([3]) u fl-Artikolu 164 tar-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-*budget* ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ([4]).

Jekk din id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tirrinunċja l-kontroll *ex-ante* ma tkunx ittieħdet qabel id-data ta' l-adeżjoni, kwalunkwe kuntratt iffirmat bejn id-data ta' l-adeżjoni u d-data li fiha tittieħed id-deċiżjoni tal-Kummissjoni ma għandux ikun eliġibbli għal assistenza ta' qabel l-adeżjoni.

Madanakollu, jekk id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tirrinunċja l-kontroll *ex-ante* tiġi posposta għal wara d-data ta' l-adeżjoni għal raġunjiet li mhumiex attribwibbli lill-awtoritajiet tal-Bulgarija jew tar-Rumanija, il-Kummissjoni tista' taċċetta, eċċezzjonalment, f'każijiet debitament ġustifikati, l-eliġibbiltà għal assistenza ta' qabel l-adeżjoni ta' kuntratti ffirmati bejn id-data ta' l-adeżjoni u d-data tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni, u l-kontinwazzjoni ta' l-implimentazzjoni ta' l-assistenza ta' qabel l-adeżjoni għal perjodu limitat, soġġett għal kontroll *ex-ante* mill-Kummissjoni fuq il-ħruġ ta' offerti u l-għoti ta' kuntratti.

2. L-impenji finanzjarji assunti qabel l-adeżjoni taħt l-istrumenti finanzjarji ta' qabel l-adeżjoni msemmija fil-paragrafu 1 kif ukoll dawk assunti taħt il-Faċilità għat-Transizzjoni msemmija fl-Artikolu 31 wara l-adeżjoni, inklużi l-konklużjoni u r-reġistrazzjoni ta' impenji u pagamenti legali individwali sussegwenti magħmula wara l-adeżjoni għandhom ikomplu jiġu ggvernati mir-regoli u r-regolamenti ta' l-istrumenti finanzjarji ta' qabel l-adeżjoni u jiġu addebitati lill-kapitoli korrispondenti tal-*budget* sa l-għeluq tal-programmi u l-proġetti konċernati. Minkejja dan, il-proċeduri ta' l-akkwist pubbliku li nbdew wara l-adeżjoni għandhom jitwettqu skond id-disposizzjonijiet pertinenti ta' l-Unjoni.

3. L-aħħar eżerċizzju ta' programmazzjoni għall-assistenza ta' qabel l-adeżjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandu jseħħ fl-aħħar sena qabel l-adeżjoni. L-azzjonijiet implimentati taħt dawn il-programmi ikollhom jiġu kuntrattati fi żmien issentejn ta' wara. Ma tista' tingħata l-ebda estensjoni malperjodu kuntrattwali. Eċċezzjonalment u f'każijiet debitament ġustifikati, jistgħu jingħataw estensjonijiet limitati f'termini ta' tul ta' żmien għall-eżekuzzjoni ta' kuntratti.

Minkejja dan, jistgħu jiġu mpenjati fondi ta' qabel l-adeżjoni, sabiex ikopru spejjeż amministrattivi, kif definit fil-paragrafu 4, fl-ewwel sentejn wara l-adeżjoni. Għal spejjeż ta' verifika u valutazzjoni, jistgħu jiġu mpenjati fondi ta' qabel l-adeżjoni sa ħames snin wara l-adeżjoni.

4. Sabiex tiġi żgurata t-terminazzjoni gradwali neċessarja ta' l-istrumenti finanzjari ta' qabel l-adeżjoni msemmija fil-paragrafu 1 u tal-programm ISPA ([5]), il-Kummissjoni tista tieħu l-miżuri opportuni kollha sabiex tiżgura li l-persunal statutorju neċessarju jkun miżmum fil-Bulgarija u fir-Rumanija għal massimu ta' dsatax-il xahar wara l-adeżjoni. Matul dan il-perjodu, l-uffiċjali, il-persunal temporanju u l-persunal kuntrattwali assenjati postijiet fil-Bulgarija u fir-Rumanija qabel l-adeżjoni u li huma meħtieġa jibqgħu fis-servizz f'dawk l-Istati wara d-data ta' l-adeżjoni għandhom jibbenefikaw, bħala eċċezzjoni, mill-istess kondizzjonijiet finanzjarji u materjali bħal dawk li kienu applikati mill-Kummissjoni qabel l-adeżjoni skond ir-Regolamenti tal-Persunal ta' l-uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej u l-Kondizzjonijiet ta' Impjieg għal impjegati oħra tal-Komunitajiet Ewropej stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom, KEFA) Nru. 259/68 ([6]). Innefqa amministrattiva, inklużi s-salarji ta' persunal ieħor meħtieġ, għandha tkun koperta mill-intestatura "Terminazzjoni gradwali ta' assistenza ta' qabel l-adeżjoni għal Stati Membri ġodda" jew l-ekwivalenti fil-kuntest tal-qasam ta'

([1]) Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru. 3906/89 tat-18.12.1989 dwar għajnuna ekonomika lil ċerti pajjiżi ta' l-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant (ĠU L 375, 23.12.1989, p. 11). Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) 769/2004 (ĠU L 123, 27.4.2004, p. 1).

([2]) Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 2760/98 tat-18.12.1998 dwar l-implimentazzjoni ta' programm għal koperazzjoni bejn il-fruntieri fil-qafas tal-programm PHARE (ĠU L 345, 19.12.1998, p. 49). Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru. 1822/2003 (ĠU L 267, 17.10.2003, p. 9).

([3]) ĠU L 161, 26.6.1999, p. 68.

([4]) Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru. 1605/2002 tal-25.6.2002 (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

([5]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 1267/1999 tal-21.6.1999 li jistabbilixxi Strument għal Politika Strutturali għal Qabel l-Adeżjoni (ĠU L 161, 26.6.1999, p. 73). Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru. 769/2004 (ĠU L 123, 27.4.2004, p. 1).

([6]) ĠU L 56, 4.3.1968, p. 1. Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE, KEEA) Nru. 723/2004 (ĠU L 124, 27.4.2004, p. 1).

politika pertinenti, fil-*budget* ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea, li jitratta dwar it-tkabbir.

*Artikolu 28*

1. Miżuri li fid-data ta' l-adeżjoni kienu s-suġġett ta' deċiżjonijiet dwar assistenza taħt ir-Regolament (KE) Nru. 1267/1999 li jistabbilixxi Strument għal Politika Strutturali ta' Qabel l-Adeżjoni u li l-implimentazzjoni tagħhom ma ġietx kompletata sa dik id-data għandhom ikunu kkunsidrati bħallikieku ġew approvati mill-Kummissjoni taħt ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 1164/94 tas-16 ta' Mejju 1994 li jistabbilixxi Fond ta' Koeżjoni ([1]). Ammonti li għad iridu jiġu mpenjati bl-għan ta' l-implimentazzjoni ta' tali miżuri għandhom jiġu mpenjati taħt ir-Regolament relattiv għall-Fond ta' Koeżjoni fis-seħħ fid-data ta' l-adeżjoni u allokati lill-kapitolu li jikkorrispondi għal dak ir-Regolament taħt il-*budget* ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea. Sakemm il-paragrafi 2 u 5 ma jistipulawx mod ieħor, id-disposizzjonijiet li jirregolaw l-implimentazzjoni ta' miżuri approvati skond dan ir-Regolament ta' l-aħħar għandhom japplikaw għal dawk il-miżuri.

2. Kwalunkwe proċedura ta' l-akkwist li tirrigwarda xi miżura msemmija fil-paragrafu 1 li fid- data ta' l-adeżjoni diġà kienet is-suġġett ta' stedina ta' offerti ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea għandha tiġi mplementata skond ir-regoli stabbiliti f'dik is-sejħa għal offerti. Madankollu, id-disposizzjonijiet li jinsabu fl-Artikolu 165 tar-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-*budget* ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ma għandhomx japplikaw. Kwalunkwe proċedura ta' akkwist fir-rigward ta' miżura msemmija fil-paragrafu 1 li għadha ma kinetx is-suġġett ta' sejħa għal offerti ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea għandha tkun konformi mad-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni, ma' l-atti adottati taħthom u mal-politika ta' l-Unjoni, inklużi dawk dwar il-protezzjoni ambjentali, it-trasport, ir-rettikolati trans-Ewropej, il-kompetizzjoni u l-għoti ta' kuntratti pubbliċi.

3. Il-pagamenti magħmula mill-Kummissjoni taħt xi miżura msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiġu addebitati lill-impenn miftuħ l-iżjed kmieni magħmul l-ewwelnett skond ir-Regolament (KE) Nru. 1267/1999, u mbagħad skond ir-Regolament relattiv għall-Fond ta' Koeżjoni fis-seħħ f'dak iż-żmien.

4. Ir-regoli li jiggvernaw l-eliġibbiltà ta' l-infiq skond ir-Regolament (KE) Nru. 1267/1999 għandhom jibqgħu applikabbli għall-miżuri msemmija fil-paragrafu 1, ħlief f'każijiet debitament ġustifikati li tiddeċiedi dwarhom il-Kummissjoni fuq it-talba ta' l-Istat Membru konċernat.

5. Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi, f'każijiet eċċezzjonali u debitament ġustifikati, li tawtorizza eżenzjonijiet speċifiċi mir-regoli applikabbli skond ir-Regolament relattiv għall-Fond ta' Koeżjoni fis-seħħ fid-data ta' l-adeżjoni għall-miżuri msemmija fil-paragrafu 1.

([1]) ĠU L 130, 25.5.1994, p. 1. Regolament kif l-aħħar emendat bl-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-2003 (ĠU L 236, 23.9.2003, p. 33).

*Artikolu 29*

Fejn il-perjodu għall-impenji pluriennali magħmula fi ħdan il-programm ([2]) SAPARD fir-rigward ta' l-afforestazzjoni ta' art agrikola, tas-sostenn għall-istabbiliment ta' gruppi ta' produtturi jew skemi agro-ambjentali jestendi lil hinn mid-data finali permissibbli għall-pagamenti taħt SAPARD, l-impenji li jkun baqa' jiġu koperti fil-programm ta' żvilupp rurali 2007-2013. Jekk ikunu meħtieġa miżuri transitorji speċifiċi f'dan ir-rigward, dawn għandhom jiġu adottati skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 50(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 1260/1999 tal-21 ta' Ġunju 1999 li jistabbilixxi d-disposizzjonijiet ġenerali dwar il-Fondi Strutturali ([3]).

*Artikolu 30*

1. Il-Bulgarija, wara li għalqet — skond l-impenji tagħha — b'mod definittiv, għad-diżattivazzjoni sussegwenti, l-Unità 1 u l-Unità 2 ta' l-Impjant ta' l-Enerġija Nukleari ta' Kozloduy qabel is-sena 2003, timpenja ruħha għall-għeluq definittiv ta' l-Unità 3 u l-Unità 4 ta' dan l-impjant fl-2006 u għad-diżattivazzjoni sussegwenti ta' dawn l-unitajiet.

2. Matul il-perjodu 2007-2009, il-Komunità għandha tipprovdi lill-Bulgarija b'assistenza finanzjarja b'sostenn ta' l-isforzi tagħha sabiex tiddiżattiva u sabiex tindirizza l-konsegwenzi ta' l-għeluq u d-diżattivazzjoni ta' l-Unitajiet 1 sa 4 ta' l-Impjant ta' l-Enerġija Nukleari ta' Kozloduy.

L-assistenza għandha, *inter alia*, tkopri: miżuri b'sostenn tad-diżattivazzjoni ta' l-Unitajiet 1 sa 4 ta' l-Impjant ta' l-Enerġija Nukleari ta' Kozloduy; miżuri għat-titjib ambjentali b'mod konformi ma' l-*acquis;* miżuri għall-modernizzazzjoni tas-setturi ta' produzzjoni, trasmissjoni u distribuzzjoni konvenzjonali ta' l-enerġija fil-Bulgarija; miżuri għat-titjib ta' l-effiċenzja fl-użu ta' l-enerġija, għal żjieda fl-użu ta' fonti rinnovabbli ta' enerġija u għat-titjib tas-sigurtà tal-provvista ta' enerġija.

Għall-perjodu 2007-2009, l-assistenza għandha tammonta għal EUR 210 miljun (abbażi tal-prezzijiet ta' l-2004) f'approprjazzjonijiet ta' impenji, li għandhom jiġu mpenjati f'somom annwali ugwali ta' EUR 70 miljun (abbażi tal-prezzijiet ta' l-2004).

L-assistenza, jew partijiet minnha, tista' tiġi magħmula disponibbli bħala kontribut Komunitarju lill-Fond Internaz-

([2]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 1268/1999 tal-21.6.1999 dwar l-għajnuna mill-Komunità għal miżuri ta' qabel l-Adeżjoni għal żvilupp agrikolu u rurali fil-pajjiżi applikanti tal-Ewropa Ċentrali u Ta' Lvant matul il-perjodu ta' qabel l-Adeżjoni (ĠU L 161, 26.6.1999, p. 87). Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru. 2008/2004 (ĠU L 349, 25.11.2004, p. 12).

([3]) ĠU L 161, 26.6.1999, p. 1. Regolament kif l-aħħar emendat bl-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-2003 (ĠU L 236, 23.9.2003, p. 33).

zjonali ta' Sostenn għad-Diżattivazzjoni ta' Kozloduy, amministrat mill-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp.

3. Il-Kummissjoni tista' tadotta regoli għall-implimentazzjoni ta' l-assistenza msemmija fil-paragrafu 2. Ir-regoli għandhom jiġu adottati skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tipprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni konferiti lill-Kummissjoni ([1]). B'dan il-għan, il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn kumitat. L-Artikoli 4 sa 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandhom japplikaw. Il-perjodu stabbilit fl-Artikolu 4 (3) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun ta' sitt ġimgħat. Il-kumitat għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu.

*Artikolu 31*

1. Għall-ewwel sena ta' adeżjoni, l-Unjoni għandha tipprovdi assistenza finanzjarja temporanja, minn hawn 'l quddiem imsejħa l-"Faċilità ta' Transizzjoni", lill-Bulgarija u lir-Rumanija sabiex jiżviluppaw u jsaħħu l-kapaċità amministrattiva u ġudizzjarja tagħhom sabiex jimplimentaw u jinfurzaw il-liġi ta' l-Unjoni u sabiex jippromovu l-iskambju ta' l-aħjar prattika fost il-pari. Din l-assistenza għandha tiffinanzja proġetti ta' bini ta' istituzzjonijiet u investimenti subordinati li jkunu limitati u ta' skala żgħira.

2. L-assistenza għandha tindirizza l-bżonn kontinwu li tissaħħaħ il-kapaċità istituzzjonali f'ċerti oqsma permezz ta' azzjoni li ma tistax tiġi ffinanzjata mill-Fondi Strutturali jew mill-Fondi għall-Iżvilupp Rurali.

3. Għal proġetti ta' ġemellaġġ bejn amministrazzjonijiet pubbliċi bl-għan li jiġu żviluppati istituzzjonijiet, għandha tkompli tapplika l-proċedura tas-sejħa għal proposti permezz tar-retikolat ta' punti ta' kuntatt fl-Istati Membri, kif stabbilit fil-Ftehim Kwadru ma' l-Istati Membri bl-għan ta' assistenza ta' qabel l-adeżjoni.

L-approprjazzjonijiet ta' impenji għall-Faċilità għat-Transizzjoni, bil-prezzijiet ta' l-2004, għall-Bulgarija u r-Rumanija, għandhom ikunu ta' EUR 82 miljun fl-ewwel sena wara l-adeżjoni sabiex jiġu indirizzati l-prijoritajiet nazzjonali u orizzontali. L-approprjazzjonijiet għandhom jiġu awtorizzati mill-awtorità tal-*budget* fil-limiti tal-perspettiva finanzjarja.

4. L-assistenza taħt il-Faċilita għat-Transizzjoni għandha tiġi deċiża u implimentata skond ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru. 3906/89 dwar għajnuna ekonomika lil ċerti pajjiżi ta' l-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant.

([1]) ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23.

*Artikolu 32*

1. Hija b'dan stabbilita Faċilità ta' *Cash flow* u ta' Schengen bħala strument temporanju sabiex tgħin lill-Bulgarija u lir-Rumanija bejn id-data ta' l-adeżjoni u l-aħħar ta' l-2009 fil-finanzjament ta' azzjonijiet fuq il-fruntieri esterni ġodda ta' l-Unjoni għall-implimentazzjoni ta' l-*acquis* ta' Schengen u l-kontroll tal-fruntieri esterni u sabiex tgħin tittejjeb il-*cash flow* fil-*budgets* nazzjonali.

2. Għall-perjodu 2007-2009, l-ammonti li ġejjin (abbażi tal-prezzijiet ta' l-2004) għandhom jitpoġġew għad-disposizzjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija f'forma ta' pagamenti ta' darba taħt il-Faċilità temporanja ta' *Cash flow* u ta' Schengen:

*(EUR miljun, prezzijiet ta' l-2004)*

| | 2007 | 2008 | 2009 |
|---|---|---|---|
| Bulgarija | 121,8 | 59,1 | 58,6 |
| Rumanija | 297,2 | 131,8 | 130,8 |

3. Mill-inqas 50 % ta' l-allokazzjoni ta' kull pajjiż taħt il-Faċilità temporanja ta' *Cash flow* u ta' Schengen għandha tintuża sabiex tagħti sostenn lill-Bulgarija u lir-Rumanija fl-obbligu tagħhom li jiffinanzjaw azzjonijiet fuq il-fruntieri esterni l-ġdida ta' l-Unjoni għall-implimentazzjoni ta' l-*acquis* ta' Schengen u l-kontroll tal-fruntieri esterni.

4. Parti waħda minn tnax ta' kull ammont annwali għandha titħallas lill-Bulgarija u lir-Rumanija fl-ewwel jum ta' xogħol ta' kull xahar fis-sena korrispondenti. Il-pagamenti ta' darba għandhom jintużaw fi żmien tliet snin mill-ewwel pagament. Il-Bulgarija u r-Rumanija għandhom jippreżentaw, mhux iktar tard minn sitt xhur wara l-iskadenza ta' dan il-perjodu ta' tliet snin, rapport komprensiv dwar l-eżekuzzjoni finali tal-pagamenti ta' darba taħt il-parti ta' Schengen tal-Faċilità temporanja ta' *Cash flow* u Schengen b' dikjarazzjoni li tiġġustifika l-infiq. Kwalunkwe fondi li ma ġewx użati jew li intnefqu inġustifikabbilment għandhom jiġu rkuprati mill-Kummissjoni.

5. Il-Kummissjoni tista' tadotta kwalunkwe disposizzjoni teknika meħtieġa għall-operazzjoni tal-Faċilità temporanja ta' *Cash flow* u ta' Schengen.

*Artikolu 33*

1. Mingħajr preġudizzju għal deċiżjonijiet futuri ta' politika, l-approprazzjonijiet globali ta' impenn għall-azzjonijiet strutturali li għandhom isiru disponibbli għall-Bulgarija u r-Rumanija tul il-perjodu ta' tliet snin 2007-2009 għandhom ikunu kif ġej:

*(EUR miljun, prezzijiet ta' l-2004)*

| | 2007 | 2008 | 2009 |
|---|---|---|---|
| Bulgarija | 539 | 759 | 1 002 |
| Rumanija | 1 399 | 1 972 | 2 603 |

2. Tul it-tliet snin 2007-2009, il-firxa ta' applikazzjoni u n-natura ta' l-interventi f'dawn il-pakketti ffissati tal-pajjiżi għandhom jiġu ddeterminati abbażi tad-disposizzjonijiet applikabbli f'dak iż-żmien għall-infiq ta' l-azzjonijiet strutturali.

*Artikolu 34*

1. Minbarra r-regolamenti dwar l-iżvilupp rurali fis-seħħ fid-data ta' l-adeżjoni, id-disposizzjonijiet stabbiliti fis-Sezzjonijiet I sa III ta' l-Anness VIII għandhom japplikaw għall-Bulgarija u għar-Rumanija għall-perjodu 2007-2009 u d-disposizzjonijiet finanzjarji speċifiċi stabbiliti fis-Sezzjoni IV ta' l-Anness VIII għandhom japplikaw għall-Bulgarija u r-Rumanija tul il-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013.

2. Mingħajr preġudizzju għal deċiżjonijiet futuri ta' politika, l-approprazzjonijiet ta' impenn mis-Sezzjoni ta' Garanzija ta' l-EAGGF għall-iżvilupp rurali għall-Bulgarija u r-Rumanija tul il-perjodu ta' tliet snin 2007-2009 għandhom jammontaw għal EUR 3 041 miljun (abbażi tal-prezzijiet ta' l-2004).

3. Għandhom jiġu adottati regoli ta' implimentazzjoni, fejn meħtieġ, għall-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet ta' l-Anness VIII skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 50(2) tar-Regolament (KE) Nru. 1260/1999.

4. Il-Kunsill, filwaqt li jaġixxi fuq proposta mill-Kummissjoni, u wara li jikkonsulta l-Parlament Ewropew, għandu jagħmel kwalunkwe adattamenti lid-disposizzjonijiet ta' l-Anness VIII fejn meħtieġ sabiex jiżgura l-koerenza mar-regolamenti dwar l-iżvilupp rurali.

*Artikolu 35*

L-ammonti msemmija fl-Artikoli 30, 31, 32 u 33 u 34 għandhom jiġu aġġustati mill-Kummissjoni kull sena skond il-movimenti fil-prezzijiet bħala parti mill-aġġustamenti tekniċi annwali tal-perspettiva finanzjarja.

TITOLU IV

**DISPOSIZZJONIJIET OĦRA**

*Artikolu 36*

1. Jekk, sa l-aħħar ta' perjodu ta' mhux aktar minn tliet snin wara l-adeżjoni, jinqalgħu diffikultajiet serji u li x'aktarx jippersistu fi kwalunkwe settur ta' l-ekonomija jew li jistgħu jikkawżaw xi deterjorazzjoni serja fis-sitwazzjoni ekonomika ta' xi żona partikolari, il-Bulgarija u r-Rumanija jistgħu japplikaw għall-awtorizzazzjoni sabiex jieħdu miżuri protettivi sabiex tiġi rettifikata s-sitwazzjoni u jiġi aġġustat is-settur konċernat għall-ekonomija tas-suq intern.

Fl-istess ċirkostanzi, kull Stat Membru attwali jista' japplika għall-awtorizzazzjoni sabiex jieħu miżuri protettivi fir-rigward tal-Bulgarija, tar-Rumanija, jew taż-żewġ Stati.

2. Fuq talba ta' l-Istat konċernat, il-Kummissjoni għandha, permezz ta' proċedura ta' urġenza, tadotta r-regolamenti jew id-deċiżjonijiet Ewropej li jistabbilixxu l-miżuri protettivi li hija tikkunsidra meħtieġa, filwaqt li tispeċifika l-kondizzjonijiet u l-modalitajiet li taħthom għandhom isiru applikabbli. Fil-każ ta' diffikultajiet ekonomiċi serji u fuq talba espressa ta' l-Istat Membru kkonċernat, il-Kummissjoni għandha taġixxi fi żmien ħamest ijiem ta' xogħol mir-riċezzjoni tat-talba akkumpjata mill-informazzjoni dwar l-anteċedenzi pertinenti. Il-miżuri hekk deċiżi għandhom ikunu applikabbli minnufih, għandhom jieħdu kont ta' l-interess tal-partijiet konċernati kollha u ma għandhomx jinvolvu kontrolli fuq il-fruntieri.

3. Il-miżuri awtorizzati taħt il-paragrafu 2 jistgħu jinvolvu derogi mir-regoli tal-Kostituzzjoni u b'mod partikolari minn dan il-Protokoll safejn ikunu, u għal dawk il-perjodi, strettament meħtieġa sabiex jinkisbu l-għanijiet imsemmija fil-paragrafu 1. Għandha tingħata prijorità lil tali miżuri li jfixklu mill-inqas il-funzjonament tas-suq intern.

*Artikolu 37*

Jekk il-Bulgarija jew ir-Rumanija ikunu naqsu milli jimplimentaw impenji meħuda fil-kuntest tan-negozjati dwar l-adeżjoni, u b'dan jikkawżaw xi ksur serju fil-funzjonament tas-

suq intern, inkluż kwalunkwe impenn f'kull politika settorali li tikkonċerna l-attivitajiet ekonomiċi b'effett transkonfinali, jew xi riskju imminenti ta' tali ksur, il-Kummissjoni tista', sa l-aħħar tal-perjodu ta' mhux akar minn tliet snin wara l-adeżjoni, fuq talba motivata ta' Stat Membru jew fuq l-inizjattiva tagħha stess, tadotta regolamenti jew deċiżjonijiet Ewropej li jistabbilixxu miżuri opportuni.

Il-miżuri għandhom ikunu proporzjonali u għandha tingħata prijorità lil miżuri li l-inqas ifixklu l-funzjonament tas-suq intern u, fejn opportun, lill-applikazzjoni ta' mekkaniżmi eżistenti ta' salvagwardja settorali. Tali miżuri ta' salvagwardja ma għandhomx jiġu nvokati bħala mezz ta' diskriminazzjoni arbitrarja jew ta' restrizzjoni travestita fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri. Il-klawsola ta' salvagwardja tista' tiġi nvokata anki qabel l-adeżjoni abbażi tar-riżultati tal-monitoraġġ, u l-miżuri adottati għandhom jidħlu fis-seħħ mill-ewwel jum ta' l-adeżjoni sakemm ma jipprovdux għal data iktar tard. Il-miżuri ma għandhomx jinżammu fis-seħħ għal żmien iktar milli huwa strettament meħtieġ u, f'kull każ, għandhom jitneħħew meta l-impenn pertinenti jiġi implimentat. Madanakollu jistgħu jiġu applikati wara l-perjodu speċifikat fl-ewwel paragrafu sakemm l-impenji pertinenti ma jkunux ġew imwettqa. Bi tweġiba għall-progress li jagħmel l-Istat Membru l-ġdid konċernat fit-twettiq ta' l-impenji tiegħu, il-Kummissjoni tista' tadatta l-miżuri skond kif ikun opportun. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Kunsill fi żmien suffiċjenti qabel ma' tħassar ir-regolamenti u d-deċiżjonijiet Ewropej li jistabbilixxu l-miżuri ta' salvagwardja, u għandha debitament tikkunsidra kull osservazzjoni tal-Kunsill f'dan ir-rigward.

*Artikolu 38*

Jekk jeżistu nuqqasijiet serji jew kwalunkwe riskju imminenti ta' tali nuqqasijiet fil-Bulgarija jew ir-Rumanija fit-trasposizzjoni, fl-istat ta' implimentazzjoni, jew fl-applikazzjoni tad-deċizjonijiet-kwadru jew ta' kwalunkwe impenn pertinenti ieħor, ta' l-istrumenti ta' koperazzjoni u tad-deċizjonijiet relattivi għar-rikonoxximent reċiproku fil-qasam tal-liġi kriminali taħt it-Titolu VI tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u tad-Direttivi u r-Regolamenti relattivi għar-rikonoxximent reċiproku fi kwistjonijiet ċivili taħt it-Titolu IV tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u tal-liġijiet u l-liġijiet-kwadru Ewropej adottati abbażi tas-Sezzjonijiet 3 u 4 tal-Kapitolu IV tat-Titolu III tal-Parti III tal-Kostituzzjoni, il-Kummissjoni tista', sa l-aħħar ta' perjodu ta' mhux aktar minn tliet snin wara l-adeżjoni, fuq talba motivata ta' Stat Membru jew fuq l-inizjattiva tagħha stess u wara li tikkonsulta lill-Istati Membri, tadotta regolamenti jew deċiżjonijiet Ewropej li jistabbilixxu miżuri opportuni u tispeċifika l-kondizzjonijiet u l-modalitajiet li taħthom dawn il-miżuri għandhom isiru applikabbli.

Dawn il-miżuri jistgħu jieħdu l-forma ta' sospensjoni temporanja ta' l-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet u deċiżjonijiet pertinenti fir-relazzjonijiet bejn il-Bulgarija jew ir-Rumanija u kwalunkwe Stat Membru ieħor jew Stati Membri oħrajn, mingħajr preġudizzju għat-tkomplija tal-koperazzjoni ġudizzjarja mill-qrib. Il-klawsola ta' salvagwardja tista' tiġi nvokata anki qabel l-adeżjoni abbażi tar-riżultati tal-monitoraġġ u l-miżuri adottati għandhom jidħlu fis-seħħ mill-ewwel jum ta' l-adeżjoni sakemm ma jipprovdux għal data iktar tard. Il-miżuri ma għandhomx jinżammu għal żmien itwal minn dak strettament meħtieġ u, f'kull każ, għandhom jitneħħew meta n-nuqqasijiet jiġu rimedjati. Madanakollu jistgħu jkomplu jiġu applikati lil hinn mill-perjodu speċifikat fl-ewwel paragrafu sakemm dawn in-nuqqasijiet jippersistu. Bi tweġiba għall-progress magħmul mill-Istat Membru l-ġdid konċernat fir-rimedji tan-nuqqasijiet identifikati, il-Kummissjoni tista' tadatta l-miżuri kif xieraq wara li tikkonsulta l-Istati Membri. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Kunsill fi żmien suffiċjenti qabel ma' tħassar ir-regolamenti u d-deċiżjonijiet Ewropej li jistabbilixxu l-miżuri ta' salvagwardja, u għandha tieħu l-kont dovut ta' kwalunkwe osservazzjoni tal-Kunsill f'dan ir-rigward.

*Artikolu 39*

1. Jekk, abbażi tal-monitoraġġ kontinwu mill-Kummissjoni ta' l-impenji assunti mill-Bulgarija u mir-Rumanija fil-kuntest tan-negozjati ta' l-adeżjoni u b'mod partikolari tar-rapporti ta' monitoraġġ tal-Kummissjoni, ikun hemm evidenza ċara li l-istat tal-preparazzjonijiet għall-adozzjoni u l-implimentazzjoni ta' l-*acquis* fil-Bulgarija u r-Rumanija huwa tali li hemm riskju serju li wieħed minn dawk l-Istati huwa manifestament mhux ippreparat sabiex jissodisfa l-ħtiġijiet ta' sħubija sad-data ta' l-adeżjoni ta' l-1 ta' Jannar 2007 f'numru ta' oqsma importanti, il-Kunsill jista', billi jaġixxi b'mod unanimu abbażi ta' rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni, jiddeċiedi li d-data ta' l-adeżjoni ta' dak l-Istat tiġi posposta b'sena għall-1 ta' Jannar 2008.

2. Minkejja l-paragrafu 1, il-Kunsill jista', billi jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata abbazi ta' rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni, jieħu d-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 1 fir-rigward tar-Rumanija jekk ikunu ġew osservati nuqqasijiet serji fit-twettiq mir-Rumanija ta' wieħed jew iżjed mill-impenji u l-ħtiġijiet elenkati fl-Anness IX, punt I.

3. Minkejja l-paragrafu 1, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 37, il-Kunsill jista', billi jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata abbazi ta' rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni u wara stima dettaljata li għandha ssir fil-harifa ta' l-2005 tal-progress magħmul mir-Rumanija fil-qasam tal-politika tal-kompetizzjoni, jieħu d-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 1 fir-rigward tar-Rumanija jekk ikunu ġew osservati nuqqasijiet serji fit-twettiq mir-Rumanija ta' l-obbligi assunti taħt il-Ftehim Ewropew ([1]) jew ta' wieħed jew iżjed mill-impenji u l-ħtiġijiet elenkati fl-Anness IX, punt II.

4. Fil-każ ta' deċiżjoni meħuda taħt il-paragrafu 1, 2 jew 3, il-Kunsill għandu, billi jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, jiddeċiedi immedjatament dwar dawk l-aġġustamenti lil dan il-Protokoll, inklużi l-Annessi u l-Appendiċi tiegħu, li jkunu saru indispensabbli minħabba d-deċiżjoni ta' posponiment.

([1]) Ftehim Ewropew li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ekonomiċi Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Rumanija, min-naħa l-oħra, (ĠU L 357, 31.12.1994, p. 2)

*Artikolu 40*

Sabiex ma jiġix ostakolat il-funzjonament korrett tas-suq intern, l-infurzar tar-regoli nazzjonali tal-Bulgarija u tar-Rumanija matul il-perjodi transitorji msemmija fl-Annessi VI u VII ma għandhomx iwasslu għal kontrolli fuq il-fruntieri bejn l-Istati Membri.

*Artikolu 41*

Jekk ikunu meħtieġa miżuri transitorji sabiex tiġi faċilitata t-transizzjoni mir-reġim eżistenti fil-Bulgarija u r-Rumanija għal dak li jirriżulta mill-applikazzjoni tal-politika agrikola komuni taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan il-Protokoll, tali miżuri għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 25(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 1784/2003 tad-29 ta' Settembru 2003 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fiċ-ċereali ([1]), jew, skond il-każ, fl-Artikoli korrispondenti tar-Regolamenti l-oħra dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq agrikoli jew tal-liġijiet Ewropej li jissostitwixxuhom jew il-proċedura pertinenti kif determinata fil-leġislazzjoni applikabbli. Il-miżuri transitorji msemmija f'dan l-Artikolu jistgħu jiġu adottati matul perjodu ta' tliet snin wara d-data ta' l-adeżjoni u l-applikazzjoni tagħhom għandha tkun limitata għal dak il-perjodu. Liġi Ewropea tal-Kunsill tista' testendi dan il-perjodu. Il-Kunsill għandu jaġixxi b'mod unanimu wara li jikkonsulta l-Parlament Ewropew.

Il-miżuri transitorji relattivi għall-implimentazzjoni ta' l-istrumenti li jikkonċernaw il-politika agrikola komuni li mhumiex speċifikati f'dan il-Protokoll li jkunu meħtieġa bħala konsegwenza ta' l-adeżjoni għandhom jiġu stabbiliti qabel id-data ta' l-adeżjoni permezz ta' regolamenti jew deċiżjonijiet Ewropej adottati mill-Kunsill fuq proposta mill-Kummissjoni jew, fejn imissu strumenti inizjalment adottati mill-Kummissjoni, permezz ta' regolamenti jew deċiżjonijiet adottati mill-Kummissjoni skond il-proċedura meħtieġa għall-adozzjoni ta' l-istrumenti in kwistjoni.

*Artikolu 42*

Jekk ikunu meħtieġa xi miżuri transitorji sabiex tiġi faċilitata t-transizzjoni mir-reġim eżistenti fil-Bulgarija u r-Rumanija għal dak li jirriżulta mill-applikazzjoni tar-regoli ta' l-Unjoni ta' natura veterinarja, fitosanitarja u dawk dwar is-sigurtà ta' l-ikel, tali miżuri għandhom ikunu adottati mill-Kummissjoni skond il-proċedura pertinenti kif determinat fil-leġislazzjoni applikabbli. Dawn il-miżuri għandhom jittieħdu matul il-perjodu ta' tliet snin wara d-data ta' l-adeżjoni u l-applikazzjoni tagħhom għandha tkun limitata għal dak il-perjodu.

IL-ĦAMES PARTI

## DISPOSIZZJONIJIET RELATTIVI GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TA' DAN IL-PROTOKOLL

TITOLU I

### L-ISTABBILIMENT TA' L-ISTITUZZJONIJIET U TAL-KORPI

*Artikolu 43*

Il-Parlament Ewropew għandu jagħmel dawk l-adattamenti għar-Regoli ta' Proċedura tiegħu skond kif isir meħtieġ bl-adeżjoni.

*Artikolu 44*

Il-Kunsill għandu jagħmel dawk l-adattamenti għar-Regoli ta' Proċedura tiegħu skond kif isir meħtieġ bl-adeżjoni.

*Artikolu 45*

Għandu jinħatar fuq il-Kummissjoni ċittadin ta' kull Stat Membru ġdid mid-data ta' l-adeżjoni. Il-Membri l-ġodda tal-Kummissjoni għandhom jinħatru mill-Kunsill, bi qbil komuni mal-President tal-Kummissjoni, wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew u skond il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu I-26(4) tal-Kostituzzjoni.

Il-mandati tal-Membri hekk maħtura għandhom jiskadu fl-istess żmien bħal dawk tal-Membri li jkunu fil-kariga fiż-żmien ta' l-adeżjoni.

([1]) ĠU L 270, 21.10.2003, p. 78.

*Artikolu 46*

1. Għandhom jinħatru żewġ Imħallfin fil-Qorti tal-Ġustizzja u żewġ Imħallfin għandhom jinħatru fil-Qorti Ġenerali.

2. Il-mandat ta' wieħed mill-Imħallfin tal-Qorti tal-Ġustizzja maħtur skond il-paragrafu 1 għandu jiskadi fis-6 ta' Ottubru 2009. Dan l-Imħallef għandu jintgħażel bix-xorti. Il-mandat ta' l-Imħallef l-ieħor għandu jiskadi fis-6 ta' Ottubru 2012.

Il-mandat ta' wieħed mill-Imħallfin tal-Qorti Ġenerali maħtur skond il-paragrafu 1 għandu jiskadi fil-31 ta' Awissu 2007. Dan l-Imħallef għandu jintgħażel bix-xorti. Il-mandat ta' l-Imħallef l-ieħor għandu jiskadi fil-31 ta' Awissu 2010.

3. Il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tagħmel dawk l-adattamenti lir-Regoli ta' Proċedura tagħha skond kif isir meħtieġ bl-adeżjoni.

Il-Qorti Ġenerali, bi qbil mal-Qorti tal-Ġustizzja, għandha tagħmel dawk l-adattamenti lir-Regoli ta' Proċedura tagħha skond kif isir meħtieġ bl-adeżjoni.

Ir-Regoli ta' Proċedura kif adattati għandhom jeħtieġu l-kunsens tal-Kunsill.

4. Għall-finijiet tad-deċiżjoni ta' każijiet pendenti quddiem il-Qrati fid-data ta' l-adeżjoni li bdew jinstemgħu oralment qabel dik id-data, il-Qrati plenarji jew l-Awli għandhom ikunu kostitwiti bħal ma kienu qabel l-adeżjoni u għandhom japplikaw ir-Regoli ta' Proċedura li kienu fis-seħħ fil-jum ta' qabel id-data ta' l-adeżjoni.

*Artikolu 47*

Għandu jinħatar fuq il-Qorti ta' l-Awdituri ċittadin ta' kull Stat Membru ġdid mid-data ta' l-adeżjoni għal mandat ta' sitt snin.

*Artikolu 48*

Il-Kumitat tar-Reġjuni għandu jiġi mkabbar bil-ħatra ta' 27 membru li jirrappreżentaw il-korpi reġjonali u lokali fil-Bulgarija u r-Rumanija, li jew għandhom mandat elettorali ta' awtorità reġjonali jew lokali, jew huma politikament responsabbli lejn assemblea eletta. Il-mandati tal-membri hekk maħtura għandhom jiskadu fl-istess żmien bħal dawk tal-membri li jkunu fil-kariga fiż-żmien ta' l-adeżjoni.

*Artikolu 49*

Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali għandu jiġi mkabbar bil-ħatra ta' 27 membru li jirrappreżentaw il-komponenti varji ekonomiċi u soċjali tas-soċjetà ċivili organizzata fil-Bulgarija u r-Rumanija. Il-mandati tal-membri hekk maħtura għandhom jiskadu fl-istess żmien bħal dawk tal-membri li jkunu fil-kariga fiż-żmien ta' l-adeżjoni.

*Artikolu 50*

Għandhom isiru malajr kemm jista' jkun wara l-adeżjoni dawk l-adattamenti lir-regoli tal-Kumitati stabbiliti mill-Kostituzzjoni u lir-regoli ta' proċedura tagħhom, li jsiru meħtieġa bl-adeżjoni.

*Artikolu 51*

1. Għandhom jinħatru membri ġodda tal-kumitati, gruppi jew korpi oħra maħluqa bil-Kostituzzjoni jew b'att ta' l-istituzzjonijiet taħt il-kondizzjonijiet u skond il-proċeduri stabbiliti għall-ħatra ta' membri ta' dawn il-kumitati, gruppi jew korpi oħra. Il-mandati tal-membri li jkunu għadhom kemm inħatru għandhom jiskadu fl-istess żmien bħal dak tal-membri li jkunu fil-kariga fiż-żmien ta' l-adeżjoni.

2. Is-sħubija f'kumitati jew gruppi maħluqa bil-Kostituzzjoni jew b'att ta' l-istituzzjonijiet b'numru fiss ta' membri irrispettivament min-numru ta' Stati Membri għandha tiġi mġedda kompletament ma' l-adeżjoni, sakemm il-mandati tal-membri attwali ma jiskadux matul is-sena ta' wara l-adeżjoni.

TITOLU II

**APPLIKABBILTÀ TA' L-ATTI TA' L-ISTITUZZJONIJIET**

*Artikolu 52*

Ma' l-adeżjoni, il-Bulgarija u r-Rumanija għandhom jitqiesu bħala li kienu destinatarji ta' liġijiet kwadru, regolamenti u deċiżjonijiet Ewropej fis-sens ta' l-Artikolu I-33 tal-Kostituzzjoni, u ta' direttivi u deċiżjonijiet fis-sens ta' l-Artikolu 249 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea u ta' l-Artikolu 161 tat-Trattat tal-KEEA, sakemm dawk il-liġijiet kwadru, regolamenti u deċiżjonijiet Ewropej, u dawk id-direttivi u deċiżjonijiet ikunu ġew indirizzati lill-Istati Membri attwali kollha. Ħlief fir-rigward ta' deċiżjonijiet Ewropej li jidħlu fis-seħħ bis-saħħa ta' l-Artikolu I-39(2) tal-Kostitutzzjoni, u ta' direttivi u deċiżjonijiet li daħlu fis-seħħ bis-saħħa ta' l-Artikolu 254(1) u (2) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, il-Bulgarija u r-Rumanija għandhom jitqiesu bħala li jkunu rċevew notifika ta' tali deċiżjonijiet Ewropej, u tali direttivi u deċiżjonijiet ma' l-adeżjoni.

*Artikolu 53*

1. Il-Bulgarija u r-Rumanija għandhom idaħħlu fis-seħħ il-miżuri meħtieġa sabiex jikkonformaw, mid-data ta' l-adeżjoni, mad-disposizzjonijiet ta' liġijiet kwadru Ewropej u dawk ir-regolamenti Ewropej li jorbtu fir-rigward tar-riżultat li għandu jintlaħaq iżda jħallu l-għażla ta' forom u metodi f'idejn l-awtoritajiet nazzjonali fis-sens ta' l-Artikolu I-33 tal-Kostituzzjoni, u ta' direttivi u deċiżjonijiet fis-sens ta' l-Artikolu 249 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea u ta' l-Artikolu 161 tat-Trattat tal-KEEA, sakemm ma jkunx previst terminu perentorju ieħor f'dan il-Protokoll. Huma għandhom jikkomunikaw dawk il-miżuri lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard mid-data ta' l-adeżjoni jew, fejn hu xieraq, fi żmien it-terminu perentorju previst f'dan il-Protokoll.

2. Safejn emendi għal direttivi fis-sens ta' l-Artikolu 249 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea u ta' l-Artikolu 161 tat-Trattat tal-KEEA introdotti b'dan il-Protokoll jeħtieġu modifika tal-liġijiet, ir-regolamenti jew id-disposizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri attwali, l-Istati Membri attwali għandhom idaħħlu fis-seħħ il-miżuri meħtieġa sabiex jikkonformaw, mid-data ta' l-adeżjoni, mad-direttivi emendati, sakemm ma jkunx previst terminu perentorju ieħor f'dan il-Protokoll. Huma għandhom jikkomunikaw dawk il-miżuri lill-Kummissjoni sad-data ta' l-adeżjoni jew, jekk aktar tard, sat-terminu perentorju previst f'dan il-Protokoll.

*Artikolu 54*

Id-disposizzjonijiet stabbiliti b'liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva mfassla sabiex jiżguraw il-protezzjoni tas-saħħa tal-haddiema u tal-pubbliku ġenerali fit-territorju tal-Bulgarija u tar-Rumanija kontra l-perikli li jirriżultaw minn radjazzjoni jonizzanti għandhom, skond l-Artikolu 33 tat-Trattat tal-KEEA, jiġu komunikati minn dawk l-Istati lill-Kummissjoni fi żmien tliet xhur mill-adeżjoni.

*Artikolu 55*

Fuq talba debitament sostanzjata preżentata mill-Bulgarija jew mir-Rumanija lill-Kummissjoni mhux aktar tard mid-data ta' l-adeżjoni, il-Kunsill li jaġixxi fuq proposta mill-Kummissjoni, jew il-Kummissjoni, jekk l-att oriġinali ġie adottat mill-Kummissjoni, j/tista' j/tadotta regolamenti jew deċiżjonijiet Ewropej li jistabbilixxu derogi temporanji minn atti ta' l-istituzzjonijiet adottati bejn l-1 ta' Ottubru 2004 u d-data ta' l-adeżjoni. Il-miżuri għandhom jiġu adottati skond ir-regoli ta' votazzjoni li jirregolaw l-adozzjoni ta' l-att li minnu qed tintalab deroga temporanja. Meta dawn id-derogi jiġu adottati wara l-adeżjoni jistgħu jiġu applikati mid-data ta' l-adeżjoni.

*Artikolu 56*

Fejn atti ta' l-istituzzjonijiet adottati qabel l-adeżjoni jeħtieġu adattament minħabba l-adeżjoni, u l-adattamenti meħtieġa ma ġewx previsti f'dan il-Protokoll jew fl-Annessi tiegħu, il-Kunsill, li jaġixxi fuq proposta mill-Kummissjoni, jew il-Kummissjoni, jekk l-att oriġinali ġie adottat mill-Kummissjoni, għandhom jadottaw l-atti meħtieġa għal dan il-għan. Meta dawn l-adattamenti jiġu adottati wara l-adeżjoni dawn jistgħu jiġu applikati sa mid-data ta' l-adeżjoni.

*Artikolu 57*

Sakemm ma jkunx ġie stipulat mod ieħor, il-Kunsill, fuq proposta mill-Kummissjoni, għandu jadotta r-regolamenti jew deċiżjonijiet Ewropej li jistabbilixxu l-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni tad-disposizzjonijiet ta' dan il-Protokoll.

*Artikolu 58*

It-testi ta' l-atti ta' l-istituzzjonijiet adottati qabel l-adeżjoni u mfassla mill-Kunsill, mill-Kummissjoni jew mill-Bank Ċentrali Ewropew bil-Bulgaru u bir-Rumen għandhom, mid-data ta' l-adeżjoni, ikunu awtentiċi taħt l-istess kondizzjonijiet bħat-testi mfassla fil-lingwi uffiċjali attwali. Dawn għandhom jiġu ppubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea jekk it-testi tal-lingwi attwali kienu ġew hekk pubblikati.

TITOLU III

**DISPOSIZZJONIJIET FINALI**

*Artikolu 59*

L-Annessi I sa IX u l-Appendiċi tagħhom għandhom jiffurmaw parti integrali minn dan il-Protokoll.

*Artikolu 60*

IL-Gvern tar-Repubblika Taljana għandu jibgħat lill-Gvern tar-Repubblika tal-Bulgarija u lill-Gvern tar-Rumanija kopja ċertifikata tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika, u t-Trattati li jemendawh jew iżidu miegħu, fil-lingwa Ċeka, Daniża, Olandiża, Ingliża, Estonjana, Finlandiża, Franċiża, Ġermaniża, Griega, Ungeriża, Irlandiża, Taljana, Latvjana, Litwana, Maltija, Pollakka, Portugiża, Slovakka, Slovena, Spanjola u Svediża.

It-test ta' dak it-Trattat, imfassal bil-Bulgaru u bir-Rumen, għandu jiġi anness ma' dan il-Protokoll. Dawk it-testi għandhom ikun awtentiċi taħt l-istess kondizzjonijiet bħat-

testi tat-Trattat imsemmi fl-ewwel paragrafu, imfassal bil-lingwi attwali.

*Artikolu 61*

Kopja ċertifikata tal-ftehim internazzjonali li jinsabu depożitati fl-arkivji tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea għandha tintbagħat lill-Gvern tar-Repubblika tal-Bulgarija u lill-Gvern tar-Rumanija mis-Segretarju Ġenerali.